MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 1070/2000/1

**Kunsill Lokali Siggiewi**

**Vs**

**Kunsill Lokali Zebbug**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi::

Peress illi l-Kunsill Lokali, Siggiewi beda kampanja pubblika kontra applikazzjoni quddiem l-Awtorita' ta' l-

Ippjanar sabiex jigi kostruit Sementerija fil-Lokalita’ tas-Siggiewi;

Peress illi tali Sementarija kienet se taffettwa negattivament numru kbir ta’ Lokalitajiet, il-Kunsilli Lokali ta’ Siggiewi, Luqa, Qormi, Mqabba u dak taz-Zebbug ghazlu li jaghmlu kampanja pubblika komuni kontra l-izvilupp propost;

Peress illi kienet inizjattiva tal-Kunsill Lokali Siggiewi u kien jaffettwah direttament, il-Kunsill attur kko-ordina din il-kampanja pubblika;

Peress illi fl-24 ta’ Marzu 1999 il-Kunsilli Lokali tas-Siggiewi, Luqa, Mqabba, Qormi u l-Kunsill konvenut, rapprezentanti mis-Sindki jew Vici Sindki rispettivi ddecidew illi *’’n-nefqa/spejjes tar-rapport u ohrajn tinqasam bejn il-5 Kunsilli relevanti’’* (Dok. KLS 1), izda kien il-Kunsill Lokali, Siggiewi li kien responsabbli versu terzi ta’ spejjes u kien johrog il-hlasijiet hu f’dan ir-rigward;

Peress illi gie deciz illi l-Kunsill Lokali, Qormi ghandu jikkontrubixxi s-sehem tieghu ghas-servizzi legali, filwaqt li l-Kunsilli Lokali l-ohra ghandhom jaqsmu l-ispejjes amministrattivi waqt li spejjes ohra jigu mqassma *pro rata* skond l-allokazzjoni tal-Kunsilli Lokali (Dok. KLS 2 u KLS 3);

Peress illi l-kampanja pubblika kontra s-Sementerija giet tiswa’ s-somma ta’ sebat elef, erba’ mija u tnax–il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm7,412.25) (Doks. minn KLS 4 sa KLS 31) u gew divizi skond l-ittra tal-Kunsill Lokali, Siggiewi ta’ l-10 ta’ Novembru 1999 (Dok. KLS 32);

Peress illi s-sehem tal-Kunsill konvenut hu ta’ elfejn erba’ mija u sitta u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm2,486.10);

Peress illi l-Kunsilli Lokali ta’ Qormi, Luqa, u Mqabba hallsu lill-Kunsill Lokali, Siggiewi skond il-ftehim u s-somma msemmija fl-ittra ta’ l-10 ta’ Novembru 1999;

Peress illi ghalkemm il-Kunsill konvenut interpellat biex ihallas huwa baqa’ inadempjenti.

Peress illi l-Kunsill konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti ghat-talbiet ta’ l-attur kif jirrizulta mill-anness affidavit immarkat DOK. KLS 33 ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-provi ai termini ta’ l-artikolu 167-170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. tiddikjara l-konvenut veru, cert u likwidu debitur a favur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elfejn erba’ mija u sitta u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm2,486.10);

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn erba’ mija u sitta u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm2,486.10), oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjes ta’ l-ittra ufficjali tal-4 ta’ Mejju u l-konvenut mill-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kunsill attur a fol.3 tal-process.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kunsill Lokali Zebbug** a fol. 53 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi ma hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti u dana peress illi l-konvenut Kunsill Lokali Zebbug qatt ma assuma l-obbligazzjoni illi jaghmel il-hlas imsemmi fit-talbiet attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, qatt ma sar ftehim bejn il-kontendenti rigward l-ammont li kellhom ikunu obbligati jhallsu il-Kunsill Lokali Zebbug jew kif kellhom jinqassmu l-imsemmija.

3. Illi fit-tielet lok l-ammont mitlub huwa certament eccessiv. Il-hlasijiet mitluba jsiru minn fondi pubblici u ghalhekk il-konvenut huwa responsabbli lejn l-Awtoritajiet ghall-hlasijiet ta' l-istess.

4. Illi finalment l-attur ghandu jipprova illi verament hallas l-ammonti kollha li abbazi taghhom qieghed jaghmel it-talba tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kunsill konvenut a fol. 54 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fis-sena 1999, il-Kunsilli Lokali tas-Siggiewi, Luqa, Qormi, Mqabba u Haz Zebbug waqqfu *Steering Committee*, koordinat mill-Kunsill Lokali Siggiewi, biex iwaqqfu l-izvilupp ta' simenterija li kellha ssir fil-limiti tas-Siggiewi izda li seta' jkollha effett negattiv fuq il-lokalitajiet kollha vicini, jekk mhux ukoll f'Malta kollha.

FL-24 ta' Marzu 1999, fl-laqgha ta' dan l-istess *steering committee*, il-membri kienu ddecidew illi "In-nefqa/spejjez tar-rapport u ohrajn tinqasam bejn il-hames kunsilli relevanti."[1] Dwar dan il-ftehim li sar bejn ir-rapprezentanti tal-hames Kunsilli partecipanti saru minuti li ttiehdu matul din l-istess laqgha. Ghal din il-laqgha partikolari il-Kunsill Lokali taz-Zebbug kien rapprezentat mis-Sindku Dr. Godfrey Farrugia.

[1] Ara Dok. KLS 1, a fol. 8 tal-process.

Illi fl-istess xahar kienu saru l-elezzjonijiet tal Kunsilli Lokali fosthom tal-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug. Jirrizulta mill-provi illi dan il-Kunsill ma bediex jiffunzjona fl-1 t'April mal-Kunsilli eletti l-ohra, billi kien hemm xi problemi minhabba r-rrizenja ta’ Kunsillier. Fil-fatt, il-Kunsill konvenut beda jiffunzjona kmieni fix-xahar ta’ Gunju 1999.

Illi f’laqgha illi saret fil-21 ta’ Gunju 1999, l-i*steering committee* kien dahal izjed fid-dettal dwar kif kellhom jithallsu l-ispejjez inkorsi f’dina l-kampanja kontra s-simenterija. Gie deciz li l-ispejjez amministrattivi kellhom jinqasmu bejn il-hames Kunsilli ugwalment fil-waqt illi l-ispejjez ghar-rapport xjentifiku dwar l-impatti negattivi ta’ simenterija kellhom jinqasmu *pro rata* bejn il-kunsilli skond l-allokament tal-fondi ta’ kull wiehed. Il-Kunsill Lokali ta’ Hal-Qormi kien iddikjara illi stante diffikultajiet finanzjarji li kellu, huwa kien lest li minflok pagament *pro rata* ghar-rapport, joffru is-servizzi tal-konsulent legali tieghu, liema spiza kellha tlahaq circa Lm2,000.

Il-Kunsilli Lokali ta’ Haz-Zebbug ma kienx prezenti ghal din il-laqgha billi sa dak iz-zmien ma kienx ghadu gie iffurmat u jiffunzjona regolarment. Minkejja li ma kienx prezenti fl-istess laqgha, jirrizulta mill-provi illi l-istess Kunsill kien jaf bill-proposti mresqa[2] u inoltre Francesca Pace Gambin kienet qed tattendi bhala segretarja tas-*Steering Committee* u Dr. Godfrey Farrugia kien baqa’ jattendi fuq stedina ta’ l-istess *Steering Committee*.

Il-Kunsill Lokali Zebbug kien zamm diskussjoni dwar il-kwistjoni tal-pagament *pro rata* billi b’din l-iskema l-Kunsill ta’ Haz Zebbug kien ser ihallas l-izjed. Kien gie deciz illi “Il-Kunsill taghna [Zebbug] m’ghandux jiddeciedi dwar kemm ser jaghti flus ghalkemm huwa kien ser jaghti s-support kollu lill-i*steering committee*”.[3] Il-Kunsill konvenut ghalhekk kien jaf li kien obbigat li kellu jhallas xi flus izda ma kienx qed jaqbel dwar kemm kien l-ammont li kien responsabbili ghalih. Ma jirrizultax illi jekk ittiehdet tali decizjoni mill-Kunsill ta' Haz-Zebbug jigifieri li ma jhallsux

[2] Ara Affidavit ta' Francesca sive Rina Pace Gambin a fol. 101 et seq. tal-process
[3] Affidavit ta’ Francesca sive Rina Pace Gambin a fol. 102

*pro rata*, din l-istess decizjoni giet komunikata b'xi mod lill-*isteering committee*.

L-atturi xehdu li l-Kunsill konvenut qatt ma ndika li xtaq jibdel il-ftehim li kien hemm u jew li xtaq itemm il-partecipazzjoni tieghu fl-*isteering committee.* L-oppozizzjoni tal-Kunsilli Lokali Zebbug ma gietx imressqa lill-i*steering committee*, li dejjem baqa' taht l-impressjoni illi kien hemm qbil bejn il-kunsilli koncernati kollha dwar l-arrangament ghall-hlas. Jirrizulta mill-provi illi l-membri kollha ta' l-istess *steering committee* xehdu illi min-naha tal-Kunsill Lokali Zebbug ukoll kien hemm qbil.

Kif gja nghad, Dr. Godfrey Farrugia minkejja li ma baqax Sindku ta' Haz-Zebbug, xorta wahda baqa' jattendi ghal-laqghat tal-i*steering committee* bhala rapprezentant tal-poplu. Fl-affidavit tieghu[4] huwa jsostni illi:

*"Peress li l-kampanja u r-rapporti li kellhom isiru, kien se jfissru spiza sostanzjali, saret laqgha fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Siggiewi, fejn gew diskussi l-finanzjament ta' dan kollu. Jien niftakar li attendew is-sindku ta' Haz-Zebbug, Paul Bonnici, is-Segretarju Ezekuttiv Rina Pace Gambin u l-Kunsilliera Philippa Attard. Il-proposta kienet li l-kampanja kellha tigi finanzjata ugwalment mill-Kunsilli kollha membri, filwaqt li r-rapport kellu jigi finanzjat pro rata mal-budget ta' kull kunsill... Fil-laqghat ta' wara ta' l-isteering committee hadd ma pprotesta dwar il-finanzjament tar-rapport xjentifiku iehor li kellu jsir mill-Perit Mariello Spiteri, hlief il-Kunsill Lokali ta' Hal-Qormi... Il-problema ta' hlas min-naha tal-Kunsill Lokali Zebbug qamet wara li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar cahad l-applikazzjoni ghal simenterija fis-Siggiewi."*

Illi minn-dawn il-provi Qorti hija tal-fehma illi l-Kunsill Lokali Zebbug kien assuma l-obbligu li jaghmel hlas ghall-ispejjez tal-i*steering committee* kif gie deciz fil-laqgha tal-24 ta' Marzu 1999. Dwar il-kwistjoni li l-Kunsill ta' Haz-Zebbug ma kienx ftiehem li l-spejjez tar-rapport tekniku

[4] Dok. KLS 5 fol.65 tal-process

jinqasmu *pro rata*, il-Qorti tirritjeni li jekk kien hemm xi oggezzjoni f'dan is-sens internament bejn il-Kunsilliera ta' Haz-Zebbug, din l-istess oggezzjoni qatt ma tressqet lill-i*steering committee* u dan in-nuqqas ta' oggezzjoni ifisser accettazzjoni. Kunsill Lokali li jidhol f'obbligi fil-konfront ta' terzi, ma jistax imur lura mill-obbligi li jkun assuma

Finalment ghar-rigward ta' l-ispejjez li saru, dawn huma sodisfacentement pruvati mid-diversi ricevuti esebiti fl-atti processwali[5] u fil-fatt l-Kunsilli l-ohra hallsu sehemhom hlief il-Kunsill konvenut. Il-mod kif l-istess tqassmu bejn il-hames kunsilli, u cioe skond il-prospett a fol. 46 tal-process, huwa fil-fehma ta' din il-Qorti tqassim gust u skond il-ftehim bejn il-partijiet kollha koncernati. Il-Kunsill Lokali konvenut ma kkontestax il-kontijiet u ma pprovdiex alternattiva kif fil-fehma tieghu kellu jsir tqassim aktar gust ta' l-spiza bejn il-hames Kunsilli nvoluti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
prevja li tichad l-eccezzjonjiet tal-Kunsill konvenut;
tilqa' t-talbiet attrici
u tikkundanna lill-Kunsill Lokali Zebbug ihallas lill-Kunsill Lokali Siggiewi s-somma ta' elfejn erba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm2,486.10), flimkien mal-imghax mid-29 ta' Mejju 2000.

L-ispejjez kontra l-Kunsill Konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Dok. KLS5 sa KLS32, fol. 15 et seq.